MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 231/2004

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fid-29 ta' Dicembru, 2000, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dokument A.

Peress illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, minacci, ingurji gravi, u eccessi kommessi kontriha da parti tal-istess zewgha, kif ukoll minhabba li dan iz-zwieg tkisser irrevokabilment.

Peress illi l-kontendenti gew awtorizzati jisseparaw skond digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 17 ta’ Mejju, 2004, wara li l-kontendenti mill-process ta’ medjazzjoni, kopja ta’ liema digriet qed jigi esibit bhala Dokument B.

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn l-attrici, minhabba sevizzi, minacci, ingurji gravi, u eccessi li l-konvenut ikkometta kontriha u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment.

2. M’ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas l-attrici dik ir-retta alimentari lilha dovuta skond il-ligi ghaliha u ghat-tfal minuri b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvedimenti ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti.

3. M’ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parti;

4. M’ghandhiex tigi ddikjarata xolta il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess kommunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. M’ghandux il-konvenut jigi kkundannat li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li:

1. Illi preliminarjament il-konvenut ghamel minn kollox sabiex isalva dan iz-zwieg u ghadu sal-gurnata ta’ llum

lest li jirrikoncilja ma' l-attrici, u m'ghandu l-ebda tort ghat-tkissir taz-zwieg, liema tort hu imputabbli totalment lill-attrici li dahlet f'relazzjoni ma terza persuna waqt iz-zwieg taghhom;

2. Illi l-konvenut jichad kategorikament li dan kien zwieg ta' konvenjenza kif qed tallega l-attrici fl-affidavit taghha peress li l-eccipjent kellu permess ta' xoghol u visa sabiex joqghod hawn Malta u kien u ghadu hawnhekk regolarment u legalment.

3. Illi mhux minnu li l-partijiet damu jghixu flimkien biss tlett xhur kif qed tallega l-attrici.

4. Illi kif tammetti hi stess, l-attrici tahdem u mhux qed tippretendi manteniment ghaliha u ghalhekk dan m'ghandux jithallas.

5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenut m'ghandux jissaporti l-ispejjez ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta' separazzjoni personali minn mal-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess u in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap.16; kif ukoll qed titlob l-applikazzjoni fil-konfront tal-konvenut ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 u l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u r-ritorn tal-beni parafernali u dotali taghha. Fin-nota guramentata taghha

l-attrici rrinunzjat ghall-pretensjoni taghha ghall-manteniment minghand il-konvenut[1].

Il-versjoni attrici hija fis-sens li fid-29 ta' Dicembru 200 hi kienet izzewwget lill-konvenut, ragel ta' 40 sena u ta' nazzjonalita' Sirjana, bir-rit civil seba xhur biss wara li hi saret tafu u z-zwieg sar malajr fuq insistenza tal-konvenut sabiex dan ikun jista' joqghod f' Malta.  Dak iz-zmien l-attrici kellha 16 il-sena u ghalhekk biex gie kuntrattat iz-zwieg kellha bzonn il-kunsens tal-genituri taghha li inizjalment kienu rrifjutaw li jaghtuh izda sussegwentement cedew.  Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

L-attrici tkompli tghid li wara z-zwieg dawna marru joqghodu fid-dar tal-genituri taghha, u wara ftit xhur beda jinqala' l-inkwiet bejniethom ghax il-konvenut kien biddel l-istil ta' hajtu u beda johrog u jdum tard filghaxija barra. Konfrontat mill-attrici, il-konvenut kien qallha car u tond li huwa kien izzewwigha mhux ghax kien ihobbha izda sabiex ikun jista' jibqa' Malta peress li kienet skadietlu l-visa.  Sadanittant il-konvenut kera hanut f' Malta u beda jahdem bhala parukkier.  L-attrici tghid li l-konvenut telaq mid-dar u abbandunaha "u ma rajniehx izjed"[2] meta lanqas kienu ilhom sena mizzewwgin.

Din il-versjoni gie konfermata minn John B missier l-attrici.

Il-konvenut minn naha tieghu ta versjoni differenti.  Fl-eccezzjonijiet tieghu huwa jghid li huwa kien, u ghadu, jhobb lill-attrici u kien "ghamel minn kollox sabiex isalva z-zwieg." u t-tkissir taz-zwieg huwa imputabbli totalment lill-attrici meta dina dahlet f' relazzjoni extra maritali.  Huwa cahad li l-partijiet kienu damu jikkoabitaw flimkien tlett xhur biss.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut spjega li huwa kien iltaqa' ma' l-attrici sentejn qabel iz-zwieg meta dina kien ghad kellha erbatax il-sena, u li kienet il-konvenuta li riedet

[1] Fol.19
[2] Fol.17

tizzewweg malajr biex tipperswadih ma jirritornax lura fis-Sirja. Huwa jghid “Ahna kellha hajja ta’ mizzewwgin normali u almenu minn naha tieghi kont nhobbha u nirsisti ghaliha.” Huwa kien kera post biex jiftah hanut u l-attrici kienet giet mieghu ghall-iffirmar ta’ l-iskrittura. Il-konvenut isostni li l-koppja rriskontrat il-problemi meta fis-sena 2003 meta l-attrici bdiet relazzjoni extra maritali ma’ terza persuna identifikata minnu b’ isimha.

Il-Qorti wara ezami tal-affidavits prezentata hija tal-fehma li l-versjoni ta’ l-attrici hija aktar verosimili, tenut kont ukoll li dina tinsab korroborata minn missierha. Inoltre, ghalkemm il-konvenut allega li l-attrici kienet itradietu ma’ persuna identifikata minnu, dana ma ressaq ebda prova fir-rigward; u, ghalhekk in omagg ghall-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u tenut kont li l-konvenut kien mankanti f’ dan ir-rigward, dan il-fatt ma jistax jtqies bhala element ta’ prova sodisfacentement provat. Barra minnhekk *dato non concesso* li l-attrici verament ghandha relazzjoni adultera, jigi osservat li mill-prova ma jirrizultax sodisfacentment stabbilit jekk din ir-relazzjoni bdietx wara l-abbandun da parti tal-konvenut jew inkellha kienitx sehhet fil-ftit xhur wara d-data taz-zwieg; fatt, dan ta’ l-ahhar, li huwa inverosimili ghall-ahhar.

Inoltre, l-allegazzjoni tal-konvenut li kienet l-attrici li kkostringietu li jizzewweg sabiex ma jmurx is-Sirja, hija mdghajfa serjament bil-fatt li, anke wara li z-zwieg bejn il-koppja tkisser irrimedjabilment huwa xorta wahda baqa’ Malta fejn qed jahdem bhala parukkier fil-hanut minnu; anzi biz-zwieg tieghu ma’ l-attrici huwa akkwista c-citaddinanza Maltija.

Illi l-Qorti tosserva li l-komportament tal-konvenut li abbanduna lil martu hesrem wara ftit xhur ta’ zwieg, ghandu karattru ingurjuz u ghalhekk jikkostitwixxi ingurja gravi, kunsidrat ukoll fid-dawl tal-fatt li huwa kien qallha li kien uzaha sabiex jibqa’ Malta – fatt li din il-Qorti tikkonsidera bhala veritier fic-cirkostanzi kif zvolgew.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Rigward it-tieni talba attrici, il-Qorti tosserva li fin-nota guramentata taghha l-attrici rrinunzjat ghal din il-pretensjoni peress li hi ghandha impieg.

Rigward it-tielet talba, il-Qorti tosserva li din hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Rigward ir-raba talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-assenjazzjoni relattiva, jigi osservat li fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2006 il-partijiet ghamlu s-segwenti verbal kongunt: " Il-partijiet jaqblu illi n-negozju tal-Hairdressing Salon bl-isem ta' "Springroserima" sitwat f'Rahal Gdid jigi assenjat lill-konvenut flimkien ma' kwalsiasi dejn relattiv u dejn iehor jekk hemm. Il-konvenut jobbliga ruhu li jirregistra tibdil f'indirizz tieghu biex jirrifletti fejn qed jghix prezentament."[3]

Illi, ghajr ghal dan in-negozju u l-kirja tal-hanut, ma jirrizultax li kien hemm assi ohra fil-komunjoni ta' l-akkwisti, li allura ghandha tigi xjolta u n-negozju jigi assenjat lill-konvenut fl-imkien ma' kull dejn li jezisti; u dan kif mifthiehem bejn il-partijiet.

Illi rigward il-hames talba, il-Qorti tirrileva li ma rrizultax li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu beni parafernali jew dotali ta' l-attrici u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet numri wiehed [1][3] u [4], u tichad il-kumplament tat-talbiet attrici; u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici b' mod li z-zwieg tkisser irrevokabilment; tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposti tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap.16; tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti konsistenti fil-kirja tal-hanut fuq indikat u fin-negozju relattiv, u, fit-termini tal-ftehim raggjunt mill-partijiet, tassenja kemm il-kirja kif ukoll in-negozju tal-hanut

[3] Fol.36

“Springroserima” lill-konvenut flimkien ma’ kull dejn relattiv u kull dejn iehor tal-komunjoni ta’ l-akkwisti li talvolta jezisti; inolte l-konvenut huwa ordnat sabiex jirregistra t-tibdil fl-indirizz residenzjali tieghu biex jirrifletti fejn qed jirrisjedi attwalment; tichad il-kumplament tat-talbiet attrici.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, hlief dawk relattivi ghat-talbiet numri tnejn [2] u hamsa [5] li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------